L-OMM

Maternal love ! thou word that sums
all bliss.—Pollock.

Titbekka lejl u nhar, l-anqas ħajnejha
Ma tul il-lejl ma tbexxaq ħal ftit ħin,
Ħajnejha sfaw fil-ħofra, u ħaddejha
Darba kienu qawwija, llum mgħaddmin.

Tixtieq kull waqt, kull ħin, 'l uliedha ħdejha
Bħal qatgħa ngħaġ ma' ġenbha miġburin,
Sikwit tismagħha tlissen bejn xuftejha :
"F'hiex kellhom jiġu wliedi l-maħbubin!"

Malli ma' kullimkien tidwi t-tisfira
Li tħabbar l-ġħadu riesaq lejn dil-Ġżira,
Quddiem Ġesù tinxteħet titlob ħniena.

Titbeżża' dejjem li tul din il-ġlieda
L-ġħadu se' jeqred ħesrem lil uliedha
—ħax dawk demm demmha, l-aħjar frott ta' żmienha.

ĠORĠ CHETCUTI

15 / VII / '41